MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 73/2011

**John Cilia ID 262857M, mart l-istess John Cilia Marthese Cilia ID 727059M, Gaetano Cilia ID 52337M u mart l-istess Gaetano Cilia, Josephine Cilia ID 316344M**

**vs**

**Carmel sive Charles Saliba ID691644M u mart l-istess Carmel Saliba, Margaret Saliba ID 769143M**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

Illi permezz ta’ skrittura li ggib id-data tal-25 ta’ Novembru, 2002 huma krew lill-intimati, il-fond kummercjali minghajr numru ufficjali maghruf bhala Ever Sweet fi Triq is-Sebh Qormi kollox ai termini tal-annessa skrittura Dok A.

Illi l-intimati huma moruzi fil-pagament tal-kera u dan bi ksur tal-artikolu 4 tal-annessa skrittura ta' kirja u minkejja li debitament interpellati kif hemm kontemplat sabiex jhallsu baqghu inadempjenti.

Illi l-esponenti ghalhekk qed jitolbu presenzjalment l-izgumbrament tal-intimati mill-fond bil-procedura kontemplata fl-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li jiddikjara li sa fejn jaf u l-esponenti, l-intimati m'ghandhomx eccezzjonijiet validi x'jaghtu.

Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Taqta' u tiddeciedi il-kawza ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' bid-dispensa tas-smigh.
2. Tordna l-izgumbrament tal-intimati mill-fond Ever Sweet fi Triq is-Sebh Qormi kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li jibqa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi f'din il-kawza, r-rikorrenti qeghdin jitolbu l-izgumbrament tal-intimat mill-fond lokat ghal skopijiet kummercjali wara li kien moruz fil-hlas tal-kera ai termini tal-kuntratt ta' kiri Dok A in atti. Fir-rikors guramentat taghhom r-rikorrenti jikkonfermaw illi minkejja li l-intimat kien interpellat sabiex ihallas il-kera huwa baqa' inadempjenti;

Illi l-intimat, debitament mgharraf b'dawn il-proceduri deher assisitit mid-difensur tieghu fis-seduta tat-2 ta' Frar 2012 u ddikjara li dispost jirritorna l-fond vakanti lis-sidien izda jehtieglu zmien tlett xhur biex jaghmel dan u rrizerva li jressaq l-objezzjoni tieghu ghat-talbiet tar-rikorrenti f'kaz li ma jintlahaqx ftehim. Fis-seduta tat-10 ta' Mejju, wiehed mir-rikorrenti informa l-Bord li l-fond kien ghadu fil-pussess tal-intimat u ghalhekk talbu li tinghata sentenza;

Illi fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, konfermati bil-gurament, t-talbiet tar-rikorrenti jimmeritaw li jkunu milqugha;

Ghalhekk il-Bord qieghed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u qed jipprefigi zmien xahar (1) mil-lum sabiex l-intimat jizgombra mill-fond mertu tal-kawza;

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportanti mill-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------